VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,001, 1 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L. 177 tal-2018

ATT TAL-2018 DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 586)

Regolamenti tal-2018 dwar ir-Restrizzjoni tal-Protezzjoni tad-*Data* (Obbligi u Drittijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5 u 33 tal-Att tal-dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 dwar ir-Restrizzjoni tal-Protezzjoni tad-*Data* (Obbligi u Drittijiet).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*; Kap. 586

"Kummissarju" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-artiklolu 3 tal-Att; u

"Regolament" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE.

Kamp ta' applikazzjoni u għan.

3. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex jiġu applikati restrizzjonijiet għal ċerti obbligi u drittijiet previsti fl-Artikolu 23 tar-Regolament.

Restrizzjonijiet.

4. Kull restrizzjoni għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament għandha tapplika biss fejn tali restrizzjonijiet huma miżura neċessarja meħtieġa:

(a) biex jiġu salvagwardati u jinżammu s-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika, id-difiża u r-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta;

(b) għall-prevenzjoni, sejbien, investigazzjoni u

VERŻJONI ELETTRONIKA

prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inklużi miżuri biex tiġi miġġielda kull attività ta' ħasil ta' flus, u għall-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali;

(ċ) għall-amministrazzjoni ta' kull taxxa, imposta, multi, drittijiet jew flus oħra dovuti jew li għandhom jitħallsu lill-Istat, taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* Tax Act, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar il-Valur Miżjud, l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar Dazju tas-Sisa u l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, u kull liġi oħra li tippermetti li jinġabar dħul bi kwalunkwe mod għall-Gvern ta' Malta;

Kap.123.
Kap. 372.
Kap. 406.
Kap. 37.
Kap. 382.
Kap. 35.

(d) għall-amministrazzjoni ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u fejn tali *data* tkun inkisbet taħt l-obbligu ta' kunfidenzjalità meta tkun qed tiġi mwettqa investigazzjoni kontra xi frodi;

Kap. 318.

(e) għat-twaqqif, eżerċizzju u difiża ta' pretensjoni legali u għal proċeduri legali li jistgħu jinbdew taħt xi liġi;

(f) għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-Kummissarju;

(g) għall-għoti ta' servizzi professjonali fir-rigward tat-twettiq ta' xogħol soċjali jew assistenza soċjali minn awtorità pubblika, korp pubbliku, organizzazzjoni volontarja jew kull korp ieħor li jagħti dawn is-servizzi, u hekk iżda li tali *data* tkun ġiet miksuba taħt obbligu ta' kunfidenżjalità speċifikatament għall-għanijiet tal-għoti ta' dawk is-servizzi lill-benefiċjarju;

(h) għal *data* dwar is-saħħa li hi pproċessata u fejn l-applikazzjoni tad-drittijiet u obbligi msemmija fl-artikolu 5(1) tal-Att x'aktarx tikkawża ħsara serja lill-interessi vitali tal-pazjent; jew

(i) għal ħwejjeġ li jirrigwardaw iċ-ċittadinanza Maltija fejn il-Ministru responsabbli għaċ-ċittadinanza, jew kull persuna awtorizzata biex taġixxi f'ismu, jirrifjutaw applikazzjoni biex tinkiseb ċittadinanza Maltija taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.

Kap.188.

Salvgwardji u perjodi ta' żamma.

5. (1) *Data* personali li hi soġġetta għal restrizzjoni msemmija fir-regolament 4 ma tkunx soġġetta għal ipproċessar li hu inkompatibbli mal-għanijiet li għalihom inġabret dik id-*data*, sakemm dan ma jkunx previst fil-liġi jew bil-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-*data*.

(2) Il-kontrollur tad-*data* għandu, konformement mal-Artikolu

VERŻJONI ELETTRONIKA

32 tar-Regolament, jimplimenta miżuri tekniċi u organizzativi xierqa biex jipproteġi *data* personali pproċessata konformement ma' dawn ir-regolamenti kontra qerda aċċidentali jew telf jew forom illegali ta' pproċessar.

(3) Il-perjodu ta' żamma li għandu jiġi applikat għal *data* personali li tiġi proċessata taħt dawn ir-regolamenti m'għandux ikun iktar minn dak li hu neċessarju għall-għanijiet tal-ipproċessar ta' tali *data* personali, jew m'għandux ikun iktar mill-perjodu meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv tar-restrizzjoni, jew kif ikun previst bil-liġi.

Informazzjoni lil suġġetti tad-*data*.

6. Il-kontrollur tad-*data* għandu jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar kull restrizzjoni prevista taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda tali żvelar m'għandux ikun ta' preġudizzju għall-finijiet tar-restrizzjoni applikata konformement ma' dawn ir-regolamenti.

Proporzjonalità u neċessità.

7. Kull restrizzjoni applikata taħt dawn ir-regolamenti għandha tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* u għandha tkun miżura neċessarja u propozjonata.